Qorti ta' l-Appell

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili numru:- 21/2014CG

**Lee Stack [Passaport Ingliz Nru 800794212]**

**vs**

**Ministeru tal-Finanzi**

L-Erbgha, 25 ta' Mejju, 2016.

Il-Qorti,

Rat ir-rikors promotur prezentat fil-5 ta' Frar 2014 quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva li bih ir-rikorrent talab lit-Tribunal sabiex ihassar decizjoni tal-Ministeru tal-Finanzi (ara ittra tal-15 ta' Jannar 2014) li biha cahad it-talba ghall-ezenzjoni taht l-Artikolu 19 tal-Kap. 386 u Regolament 4 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01 b'referenza ghall-vettura tat-tip Volkswagen Transporter bin-*number plate* BHJ 441J.

Rat ir-risposta tal-Ministeru tal-Finanzi fejn oppona ghat-talba ghas-segwenti ragunijiet:

(i) In-nullita' tar-rikors peress li l-kawza giet intavolata fi Tribunal li ma jezistix;
(ii) It-Tribunal ma ghandux kompetenza li jisma' l-ilment tar-rikorrent;
(iii) L-allegazzjonijiet kollha tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u ghalhekk it-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

Rat is-sentenza tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva tal-5 ta' Frar 2014, fejn l-istess Tribunal iddecieda:-

*"Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal, qieghed jaqta' u jiddeciedi, billi jilqa' l-appell tar-rikorrenti u konsegwentement ihassar id-decizjoni tat-Transfer of Residence Exemption Board datata 15 ta' Jannar 2014 u dan fit-termini enuncjati hawn fuq, u jidderiegi lill-istess Bord sabiex fid-dawl ta' dak enuncjat f'din is-sentenza jikkoncedi lir-rikorrent l-ezenzjoni mill-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vettura ta' l-ghamla Volkswagen Transporter bin-numru ta' registrazzjoni BHJ 441J.*

*Bl-ispejjez, inkluz dawk tas-sentenza prelimnari tal-21 ta' Lulju 2014, a karigu tal-Ministeru intimat."*

Illi mis-sentenza appella l-Ministru tal-Finanzi. L-aggravji huma:

(i) Diversament minn dak mtenni mit-Tribunal, l-appellant kif rapprezentat mit-*Transfer of Residence Exemption Board* immotiva d-decizjoni tieghu tant li mhux biss ghamel riferenza ghar-regolament li fih hemm impost l-kundizzjoni li r-rikorrent ma ssodisfax, izda wkoll ikkwota l-istess regolament.

(ii) It-Tribunal ippretenda li l-Awtorita' tat-Trasport u l-appellant joqghodu fuq dak dikjarat fic-certifikat tal-assikurazzjoni u jiskarta ghal kollox il-*body type* tal-vann in kwistjoni li, kif iddikjarat mir-rikorrent stess fl-applikazzjoni sottomess minnu kif ukoll mil-*log book* tal-vettura nnifisha (ara Dok A u Dok B annessi man-nota prezentata mill-appellant fl-24 ta' Frar 2014), huwa *"Transporter Panel Van".*

Rat ir-risposta ta' l-attur appellat, Lee Stack (datata 4 ta' Settembru, 2015) fejn wiegeb illi l-appell *de quo* ghandu jigi rigettat fl-interezza tieghu u s-sentenza appellata tigi kkonfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimat appellant.

**<u>Fatti Fil-Qosor</u>.**

1. F'Novembru 2013 ir-rikorrent beda jirrisjedi f'Malta. Qabel telaq mir-Renju Unit kien informa ruhu dwar il-kriterji mehtiega sabiex igib il-vettura tieghu f'Malta. Wara li applika ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni huwa rcieva ittra fejn gie infurmat li l-vettura *de quo* ma kinitx tikkwalifika ghall-ezenzjoni.

2. Ir-rikorrent appellat talab lit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva jirrevedi d-decizjoni notifikata lilu b'ittra mibghuta mit-*Transfer of Residence Exemption Board* fi hdan il-Ministeru tal-Finanzi datata 15 ta' Jannar 2014 permezz ta' liema l-Ministru appellant cahad it-talba ghall-ezenzjoni taht l-Artikolu 19 tal-Kap. 386 u Regolament 4 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01 b'referenza ghall-vettura tat-tip *Volkswagen Transporter* bin-*number plate* BHJ 441J.

**Konsiderazzjoniijiet.**

1. Fl-ewwel aggravju, l-appellant qal (fol 2):-

*"7. Illi bid-dovut rispett, ir-referenza u l-kwotazzjoni mill-esponent toffri indikazzjoni cara li r-raguni wara r-rifjut hija ghaliex il-vettura in kwistjoni m'hijiex wahda "M1", dan specjalment meta wiehed iqies il-fatt li xahar qabel ma ntbaghtet l-ittra tar-rifjut, l-esponent kien diga informa lir-rikorrent appellat b'dan permezz ta' e-mail datata 4 ta' Dicembru 2013 (u mhux 14 ta' Novembru 2013 kif hemm erronjmanet indikat fis-sentenza), kopja ta' liema giet prezentata fis-seduta tal-14 ta' April 2015 bhala Dok. NF1;*

*8. Illi ghalhekk ma huwiex minnu dak imtenni mit-Tribunal li 'kien biss fir-risposta tal-Ministeru intimat li intefa' dawl fuq ir-raguni ghala l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni hiet rifjutata' stante li mhux talli r-rikorrent*

*appellat gie infurmat bir-raguni fl-ittra tar-rifjut stess izda anke qabel permezz ta' din l-email fejn ic-Chairman tat-Transfer of Residence Exemption (TORE) Board baghat jghid ir-rikorrenti s-segwenti:*

*'Dear Mr. Stack,*
*Your application dated 26th November 2013 for exemption from Motor Vehicle Registration Tax refers.* ***Please be informed that if the VW Transporter Panel Van does not fall under motor vehicle category M1 it will not qualify for exemption.*** *Attached please find a copy of Legal Notice 6 of 2012 for your perusal. If needs be, seek legal advice.'"*

2. Fit-tieni aggravju l-appellanti jilmenta illi (fol 4):-

*"26. Illi ghal dawn il-motivi it-Tribunal ma mexiex rite u recte fit-tfassil tad-decizjoni tieghu, u, allura, ma kenux jezistu ragunijiet validi biex it-Tribunal jissostitwixxu d-decizjoni tal-esponent b'dik tieghu, favorevoli ghar-r-rikorrent."*

B'mod partikolari l-appellanti ma jaqblux mas-segwenti osservazzjonijiet tat-Tribunal:

- para. 15: *"illi, diversament minn dak argumentat mit-Tribunal, il-fatt li fil-polza msemmija fis-sentenza hemm miktub li l-"Permitted Use" ta' dan il-vann huwa ghal "Use for special domestic and pleasure purposes", bl-ebda mod min lewn id-dinja ma jibdel id-DNA (biex insejhula hekk) tal-vettura u jaghmilha M1;"*
- para. 17: *"Illi di piu', u diversament minn dak argumentat mit-Tribunal, jigi rilevat li ma jista' jkun hemm l-ebda dubju li l-korrispondenza mibghuta mir-rapprezentant tal-Ministeru Paul Mifsud lir-rapprezentant ta' Transport Malta Brian Farrugia permezz ta' email datat 4 ta' Dicembru 2013 tirrigwardja l-vettura in kwistjoni."*
- para. 25: *"Illi diversament minn dak argumentat mit-Tribunal, l-esponent ma kellu l-ebda raguni ghalfejn jipprova li l-vettura hija ta' piz inqas minn 3.5 tunnellati stante li l-kontenzjoni ta' dawn il-proceduri ma tirrigwardax jekk il-vettura taqax fil-kategorija "N1", "N2" jew "N3" izda jekk taqax fil-kategorija "M1" ghall-iskop tal-ezenzjoni liema vettura, ghal ragunijiet sudetti, assolutament ma tista' qatt tigi klassifikata bhala tali."*

3. Fir-rigward tal-ewwel aggravju l-appellat argumenta:-

*"Kull ma ghamel il-Bord kien li kkwota regolament 4(2) verbatim minghajr ma identifika liema parti ta' dak ir-regolament l-esponent ma rnexxielux jissodisfa. Kif qalet tajjeb is-sentenza appellata, dak ir-regolament jinkludi mill-inqas tliet cirkostanzi ghala l-Bord jista' jirrifjuta applikazzjoni u l-Bord ma qalx taht liema wahda minn dawk ic-cirkostanzi l-esponent kien ikkozza."*

Dwar l-email mibughta fl-4 ta' Dicembru 2013 l-appellant jikkontendi illi:

- din intbaghtet qabel id-decizjoni tal-Bord u ma tistax tikkwalifika bhala decizjoni nnifisha;

- l-*email* kienet biss wahda ipotetika;
- ma hemm indikazzjoni fiha ta' liema fattur indikat fid-definizzjoni fl-artikolu 2 tal-Kap 368 li seta' kien determinanti ghall-kaz;
- l-*email* intbaghtet minn ufficjali li kien semplici impjegat u mhux membru tal-Bord jew persuna li qed tikkomunika ghan-nom tal-Bord.

4. Illi fir-rigward tat-tieni aggravju r-rikorrent appellat jirrileva illi effettivament l-appellant qed jitlob lil Qorti taghmel apprezzament mill-gdid tal-provi, kompitu li jispetta lill-ewwel Qorti bhala dak l-organu li tkun evalwat l-provi kollha wara li tkun semghet ix-xhieda hi stess u jirrileva (fol 9):-

*"Illi kwanti ghat-tieni aggravju l-appellant jipprova jiggustifika n-nuqqas tieghu li jtella' l-provi billi jghid illi huwa ma giex rikjest mit-Tribunal biex itella' xhieda sabiex jikkonfermaw il-kontenut u l-fatt tal-emails esebiti minnhom. Bl-akbar rispett, huwa ben ovvju li hija l-parti li tirregola l-provi taghha u ttella' dawk ix-xhieda li jidhrilha u mhux it-Tribunal li jikkonduci l-gbir tal-provi minflok il-partijiet."*

**Konsiderazzjoni**.

1. B'riferenza ghall-ewwel aggravju l-qorti taqbel mar-ragunament u l-konkluzjoni li wasal ghaliha t-Tribunal[1]. Fid-decizjoni tat-Transfer of Residence Exemption Board, saret **biss** riferenza ghall-applikazzjoni li biha r-rikorrent talab l-ezenzjoni u nghad:

"*Following assessment of your application, it is regretted that this Ministry cannot accede to your request in terms of Legal Notice 6 of 2012 under rule 4(2) 'The exemption under article 19(3)(f) of the Act shall be granted in respect of an M1 motor vehicle or a cycle which is the personal property of an individual and which is being brought or imported into Malta by that individual when he is transferring his normal residence from a place outside Malta to a place in Malta."*

Fil-fehma tal-qorti fid-decizjoni kellha tinghad ir-raguni ghalfejn ghall-vettura tar-rikorrent ma kinitx tapplika l-ezenzjoni taht l-Artikolu 19(3)(f) tal-Motor Vehicle Registration and Licensing Act (Kap. 368). L-email li l-appellanti ghamel riferenza ghaliha, m'hijiex parti mid-decizjoni u ntbaghtet qabel giet kunsidrata l-applikazzjoni tar-rikorrent. Ghalhekk m'hijiex rilevanti. Ladarba r-raguni ghar-rifjut tal-applikazzjoni kienet minhabba li l-Bord ikkunsidra li l-vettura tar-rikorrent ma kinitx M1 *motor vehicle*, fid-decizjoni l-Bord kellu jaghti wkoll ir-raguni ghalfejn il-vettura ma kinitx tikkwalifika bhala M1 *motor vehicle*. Ladarba ma nghatatx raguni, l-appellant m'ghandux ragun jargumenta li d-decizjoni tal-Bord kienet motivata.

---

[1] Ir-riferenza li t-Tribunal ghamel ghas-sentenza ta' din il-qorti **A.B. vs Kummissarju tat-Taxxi Interni** (Appell 2/07) tat-28 ta' Jannar 2008, hi flokha.

Category M1: Vehicles designed and constructed for the carriage of passengers and comprising no more than eight seats in addition to the driver's seat

*2.* Fir-rigward tat-tieni aggravju, jirrizulta li l-Bord ikkunsidra li l-vettura tal-appellat hi *Commercial vehicle* (ara tieni faccata tal-applikazzjoni li pprezenta l-appellat fit-2 ta' Dicembru 2013, fol. 87). Skond l-Artikolu 19(3)(f) tal-Att dwar ir-Registrazzjoni u l-Licenzjar ta' Vetturi bil-Mutur (Kap. 386), vettura bil-mutur M1 tkun ezentata mill-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni meta tingieb minn persuna li titrasferixxi r-residenza normali taghha minn post barra minn Malta ghal Malta, pero' l-vettura trid tikkwalifika ghal dik l-ezenzjoni. L-istess ligi tiddefinixxi vettura M1 bhala:

*"... vettura wzata ghall-garr ta' passiggieri b'sedili mhux izjed minn tmien persuni minbarra s-sedil tad-driver."*

It-Tribunal irraguna li:-

*"Illi bl-ebda mod u manjiera ma gie ppruvat mill-Ministeru intimat illi l-vettura in kwistjoni hija wzata ghall-garr tal-merkanzija. Pjuttost gie ppruvat il-kuntrarju u cioe' li l-vettura hija wzata ghal skopijiet purament domestici u li l-polza ta' assikurazzjoni ma kinitx tkopriha li kieku kienet vettura kummercjali."*

Il-qorti ma taqbilx mar-ragunament u l-konkluzjoni tat-Tribunal, in kwantu:-

i. Vettura M1 taqa' fil-kategorija ta' ***"M vehicles"*** li skond l-Artikolu 2 tal-Kap. 368 tfisser: *"Vetturi tal-kategorija M tfisser vetturi bil-mutur b'ghallinqas erba' roti* ***mahsuba u mibnija ghall-garr ta' passiggieri****, u jikkomprendu vetturi M1, M2 u M3"*[2]. Ghalhekk m'huwiex bizzejjed li wiehed jikkunsidra l-uzu li jkun qieghed isir mill-vettura. Vettura M1 hi tal-kategorija M li huma vetturi mahsuba u mibnija ghall-garr ta' passiggieri.

ii. A bazi tad-definizzjoni ta' ***"M vehicles"*** u mir-ritratti ezibiti (fol. 17-19), hu evidenti li l-vettura in kwistjoni ma kinitx mibnija ghall-garr ta' passiggieri imma pjuttost ghall-garr ta' merkanzija. Fl-applikazzjoni li pprezenta l-appellat iddeskriva l-vettura bhala *Transporter Panel Van*. Permezz ta' nota prezentata fit-18 ta' Novembru 2014 (fol. 74), l-appellat iddikjara: *"In virtue of which he is exhibiting as Document I an extract from the Volkswagen Owners' Manual for the year 1971 showing the details of vehicles of the type owned by appellant and imported by him into Malta, that is to say a Volkswagen Type 2* ***Delivery Van*** *also known as a Panel Van."* (enfazi tal-qorti). ***Delivery van*** m'hijiex vettura mahsuba u ddizinjata ghall-garr tal-passiggieri.

[2] Definizzjoni li bazikament taddotta d-Direttiva tal-Unjoni Ewropeja 2007/46.

iii. It-Tribunal ikkunsidra wkoll jekk il-vettura kinitx taqa' fil-kategorija N. Il-qorti ma tarax li kien hemm bzonn li jsir ezercizzju simili. Dak li kien rilevanti hu li jigi determinat jekk il-vettura mportata mill-appellat, kinitx tat-tip M1, f'liema eventwalita' kienet tkun ezentata mill-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni. F'kull kaz ladarba hu evidenti li l-vettura kienet mahsuba ghall-garr tal-merkanzija[3], hu evidenti li l-vettura hi tat-tip N.

iv. It-Tribunal osserva wkoll li skond ic-certifikat ta' assikurazzjoni ezebit a fol. 22 li kien ikopri l-perjodu bejn 15 ta' Mejju 2013 sal-15 ta' Mejju 2014, jinghad li l-polza ma tkoprix *"vans, commercial vehicles, mopeds and motorcycles."* Il-qorti m'hijiex tal-fehma li dan ic-cirkostanza hi rilevanti ghall-ezitu tal-kwistjoni, kif m'huwiex rilevanti 'l fatt li fl-istess polza l-uzu tal-vettura gie deskritt bhala *"social domestic and pleasure purpose."* Polza li wara kollox inharget fl-Ingilterra u m'ghandha x'taqsam xejn mal-ezenzjoni mill-hlas ta' taxxa ta' registrazzjoni. Il-qorti zzid li kundizzjonijiet imposti f'polza ta' assikurazzjoni, li l-Gvern m'huwiex parti ghaliha, ma jiddeterminawx jekk vettura tidhol fil-kategorija ta' *M vehicle* kif definite fil-Kap. 368.

**Ghal dawn il-motivi, tiddeciedi l-appell billi:**

1. **Tichad l-ewwel aggravju tal-appellant.**
2. **Tilqa' t-tieni aggravju tal-appellant u tvarja s-sentenza tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva tal-20 ta' Lulju 2014 fis-sens li thassar dik il-parti tas-sentenza li laqghet it-tieni aggravju tal-appellat fir-rikors promotur tal-5 ta' Frar 2014 u tichad ir-rikors promotur tal-appellat.**

**Spejjez tal-ewwel istanza u tal-appell jinqasmu in kwantu ghal 30% a karigu tal-appellant u 70% a karigu tal-appellat[4].**

Anthony Ellul.

---

[3] Kif rajna, l-appellat stess iddeskriviha bhala *Delivery Van* (ara nota a fol. 74) u ara wkoll ritratti. Li l-vettura ghandha piz ta' inqas minn 3,500 kilogrammi (ekwivalenti ghal 3.5 tunnellati) jirrizulta minn dokument li l-appellat stess ipprezenta (fol. 75) u fejn il-piz hu dikjarat li hu 4982lbs li jfisser 2,259 kilogrammi (ara definizzjoni ta' vettura N1 fil-Kap. 368).

[4] Il-qorti ordnat hekk biex tiehu in konsiderazzjoni tal-fatt li l-appellat inghata ragun fir-rigward ta' wiehed mill-ilmenti, izda fil-meritu ma nghatax ragun.